*Sehem Riservat*

*Imghax*

*Art.615 tal-Kap 16*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 1063/2015/LSO**

**Pauline Abela u Joyce Sultana**

**vs**

**Joan Cachia; Carmen Xuereb; Catherine Bezzina; Salvu Cachia; u Rita Cachia armla ta' Emanuel Cachia, Karl u Paul Cachia u Madalene Cachia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Pauline Abela (788949M) u Joyce Sultana (47685 1M) datat 11 ta’ Novembru 2015 fejn Pauline Abela bil-gurament taghha kkonfermat li taf personalment : -

Illi fis-17 ta' April 2011 mietet Teresa Cachia, omm il-kontendenti Pauline Abela, Joyce Sultana, Joan Cachia, Carmen Xuereb, Catherine Bezzina u Salvu Cachia, u l-mejjet Emanuel Cachia u Maryanne Dean.

Illi bl-ahhar testment taghha pubblikat min-Nutar Dottor Mario Bugeja fil-21 ta' Marzu 2005, Teresa Cachia wara li halliet xi legati, innominat bhala eredi universali taghha lill-konvenuti uliedha Joan Cachia, Catherine Bezzina, Salvu Cachia u Carmen Xuereb ghal kwint (1/5) indiviz kull wiehed, u lil Paul, Madaline u Karla, ulied binha premort Emanuel Cachia, ghal kwint (1/5) indiviz bejniethom.

Illi permezz ta' zewg noti separati prezentati fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) tal-15 ta' Marzu 2013, l-esponenti rrinunzjaw ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghall-eredita' ta' ommhom Teresa Cachia, filwaqt li rrizervaw favur taghhom il-jedd ghas-sehem rizervat lilhom

skont il-ligi fuq l-istess eredita'. L-istess noti gew debitament registrati skont il-ligi fit-8 ta' April 2013.

Illi permezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' April 2012, l-esponenti interpellaw lill-intimati sabiex ihallsuhom is-sehem rizervat spettanti lilhom skont il-ligi flimkien mal-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija mid-data tal-ftuh tas-successjoni skont ma jipprovdi l-artikolu 615(2) tal-Kodici Civili.

Illi sussegwentement, il-kontendenti qablu dwar il-konsistenza tal-assi ereditarju ta' l-imsemmija Teresa Cachia, u wkoll dwar il-kalkolu tas-sehem rizervat dovut lil kull wahda mill-kontendenti, pero' ma qablux minn meta kellu jiddekorri l-imghax fuq l-istess sehem rizervat.

Illi l-konvenuti ghaddew lil kull wahda mill-esponenti hlas akkont tas-sehem rizervat dovut lilhom fuq il-wirt ta' ommhom, bl-imghax mid-data meta l-esponenti rrinunzjaw ghall-eredita', pero' naqsu li jhallsu l-imghax shih dovut mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

Illi l-konvenuti jikkontendu li l-imghax jiddekorri mid-data meta l-esponenti rrinunzjaw ghall-eredita' u rrizervaw il-jedd taghhom ghas-sehem rizervat, filwaqt li l-esponenti jinsistu li l-imghax huwa dovut b'effett mid-data tal-ftuh tas-successjoni ladarba *"s-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data".*

Illi b'konsegwenza tal-premess, sal-31 ta' Ottubru 2015, l-esponenti kien fadlilhom jircievu minghand il-konvenuti s-

somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€13,920.20) kull wahda u cioe` sebgha u ghoxrin elf, tmien mija u erbghin ewro u erbghin centezmu (€27,840.40) bejniethom, bilanc tas-sehem rizervat u l-imghax relattiv dovut lilhom fuq is-successjoni ta' ommhom l-imsemmija Teresa Cachia.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt is-smigh ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara li l-imghax fuq is-sehem rizervat dovut lill-esponenti mill-assi ereditarju ta' ommhom Teresa Cachia beda jiddekorri mid-data tal-ftuh tas-successjoni taghha fis-17 ta' April 2011;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati jhallsu lil kull wahda mill-esponenti s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€13,920.20) bilanc tas-sehem rizervat u l-imghaxijiet dovuti lilhom kif fuq inghad.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Joan Cachia (ID 635548M), Carmen Xuereb (ID 359347M), Catherine Bezzina (ID 789049M), Salvu Cachia (ID 78656M), Rita Cachia (ID 314862M), Karl Cachia (ID 32595M), Paul Cachia (ID 396189M) u Madelene Cachia (ID 503692M) datata 16 ta' Dicembru 2015 (fol 16) fejn esponew :

1. Preliminarjament, Rita Cachia mhix il-legittima kontradittrici billi mhix eredi ta' Teresa Cachia u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju - bl-ispejjez.

2. Preliminarjament ukoll, illi r-rikorrenti ghandhom jaghmlu prospett sabiex jispjegaw mnejn u kif harget il-figura mitluba ta' €27,840.40.

3. Fil-mertu, illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda billi ebda ammont ma hu dovut bhala imghax billi hemm ic-cirkostanzi mehtiega fil-*proviso* tal-Art. 615 (2) tal-Kodici Civili sabiex il-Qorti tiddeciedi li ma jinghatax imghax ghall-perjodu bejn il-mewt tad-decujus u d-data meta r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-eredita' u rriservaw il-jedd ghas-sehem riservat bid-dikjarazzjoni taghhom pprezentata fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja kif stabbilit fl-Art 860 (2) tal-Kodici Civili.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 16 ta' Gunju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel talba: ta' Dr Pawlu Lia u ta' Dr Joseph Zammit

Maempel, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Zammit Maempelipprezenta certifikat tal-mewt u testment tad-decujus Teresa Cachia u huwa ezentat milli jawtentikaw formalment bin-Nutar. Rifferribbilment fuq it-tieni talba, l-Avukati Joe Zammit Maempel u Pawlu Lia ser jipprezentaw nota sal-15 ta' Settembru 2016 fejn fiha jindikaw il-valur tal-assi ereditarju u l-hlasijiet li saru dwar is-sehem rizervat. Madanakollu l-bilanc mitlub ghadu qed jigi kkontestat. Il-kawza giet differita minn issa stess ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkonsidrat li permezz tal-kawza odjerna, r-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-imghax fuq is-sehem riservat dovut lilhom mill-assi ereditarji ta' ommhom Teresa Cachia beda jiddekorri mid-data tal-ftuh tas-successjoni taghha, ossia mis-17 ta' April 2011. Konsegwentement, qed jintalab li l-inimati jhallsu lil kull wiehed mir-rikorrenti, l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€13,920.20).

L-intimati opponew billi eccepew fl-ewwel lok, li Rita Cachia mhix il-legittima kontradittrici billi mhix eredi ta' Teresa Cachia. Gie eccepit ukoll li r-rikorrenti ghandhom jipprezentaw prospett biex jispjegaw kif giet dedotta l-figura pretiza fir-rikors promotur. L-intimati opponew ukoll, billi

sostnew li fil-mertu, li ebda ammont mhu dovut bhala imghax ghall-perjodu bejn il-mewt tad-decujus u d-data meta r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-eredita`, *stante* li hemm ic-cirkostanzi mehtiega skont l-**artikolu 615(2) tal-Kodici Civili**.

Il-**fatti** rilevanti ghall-kaz in ezami huma s-segwenti. Jirrizulta li omm il-partijiet, f'dan il-kaz, Teresa Cachia mietet fis-17 ta' April 2011. Illi permezz tal-ahhar testament taghha, Teresa Cachia halliet legati u nnominat lill-intimati bhala eredi universali ghal kwint indiviz kull wiehed. In segwitu, jirrizulta, li r-rikorrenti permezz ta' zewg noti separati rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom filwaqt li rriservaw favur taghhom il-jedd ghas-sehem riservat dovut lilhom skont il-ligi fuq l-istess eredita`. Illi r-rikorrenti nterpellaw lill-intimati ghad-differenza fil-hlas fis-somma tal-imghax permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' April 2012 (fol 51-52). Irrizulta li l-partijiet qablu dwar il-konsistenza tal-assi ereditaru. Jirrizulta li saru l-hlasijiet lir-rikorrenti akkont tas-sehem riservat, izda, r-rikorrenti qed jirreklamaw li ghad ghandhom jircievu l-ammont ta' (€13,920.20) kull wiehed a bazi ta' minn meta kellu jibda jiddekorri l-imghax.

**Provi:**

**Pauline Abela** xehdet permezz ta' affidavit (fol 18-19) fejn qalet li kienu tmien ahwa, u bl-ahhar testament tal-omm, Teresa Cachia li mietet fis-17 ta' April 2011, halliet bhala eredi universali lil hutha l-intimati, u lilha, lil Joyce Sultana

u Maryanne Dean thallew biss xi legati. Spjegat li kienu saru xi trattattivi ghall-qsim tal-wirt kollu, izda ma ntlahaqx ftehim dwar dan. Ghalhekk, hi rrizunzjat ghall-wirt bid-dritt tas-sehem riservat. Din in-nota ta' rinunzja gietipprezentata fit-8 ta' April 2013. Spjegat li ladarba n-nota tar-rinunzja saret fi zmien sentejn, l-imghax kellu jiddekorri mid-data tal-mewt tas-successjoni. Hi esebiet ittri mibghuta mill-avukat taghha f'dan ir-rigward u kopja tal-ittra ufficjali li ntbaghtet lill-intimati biex tinterpellahom ghall-hlas pretiz.

**Joan Cachia** xehdet permezz ta' affidavit (fol 28-29) li qalet wara l-mewt ta' ommha kienu bdew negozjati fejn l-intimati u ohtha Maryanne Dean li mhix parti fil-kawza, bdew jitolbu li l-assi ereditarji tal-ġenituri jinqasmu fi tmien porzjonijiet ugwali, u kienu saru diskussjonijiet dwar dan. Qalet li n-noti ta' rinunzja ta' wirt datati 15 ta' Marzu 2013, gew ipprezentati fir-Registru fit-8 ta' April 2013, izda anke wara dawn in-noti ta' rinunzja baqghet ghaddejja korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet dwar il-possibilita` ta' transazzjoni. Semmiet li fuq parir tal-avukat taghha, thallas imghax ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mill-15 ta' Marzu 2013, (id-data tar-rinunzja), izda l-avukat tar-rikorrenti baqa' jinsisti li l-imghax kellu jithallas mid-data tal-mewt ta' Teresa Cachia. Hi esebiet korrispondenza bejn l-avukati tal-partijiet, li turi li kien ghad hemm trattativi ghaddejjin u ghalhekk, ir-rikorrenti kienu qed jirrifjutaw li jaghmlu nota tal-wirt skont il-ligi *ai termini* tal-**artikolu 860 tal-Kap 16.**

**Joyce Sultana** xehdet permezz ta' affidavit (fol 44-45) li kkonfermat li ommha mietet fis-17 ta' April 2011. Semmiet li hi u r-rikorrenti Pauline ipprezentaw nota ta' rinunzja datata 15 ta' Marzu 2013, u pprezentata fit-8 ta' April 2013. Semmiet li anke wara n-noti tar-rinunzja ippruvaw jaslu fi ftehim biex jinqasam il-wirt f'oqsma ndaqs bejn l-ahwa, izda ma kienx hemm qbil. Ghalhekk, in segwitu, giet ipprezentata l-ittra ufficjali datata 16 ta' April 2013. Qalet li kien hemm qbil dwar il-valur tal-assi ereditarji, u fil-fatt kienet intbaghtet ittra da parti tal-avukat dwar dan, fejn ma kienx hemm qbil dwar il-valutazzjoni ta' zewg oqbra, izda, xorta wahda kien sar ftehim dwar il-valur totali tal-assi. Spjegat li l-unika haga li ma kienx hemm qbil dwarha kien minn meta hu dekorribbli s-sehem tal-imghax fuq is-sehem riservat. Qalet li skont ittra mibghuta mill-avukat taghhom, datata 15 ta' Lulju 2013 (fol 64) gie maqbul li s-sehem riservat kien jammonta ghal €76,331.55.

**L-ewwel eccezzjoni:**

Illi gie eccepit preliminarjament, li Rita Cachia mhix il-legittima kontradittrici billi mhix eredi ta' Teresa Cachia u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Difatti, jirrisulta mit-testment li li l-eredi huma uliedha Paul, Maddeline u Karl Cachia. Illi hija giet inkluza bhala parti f'din il-kawza, bhala kuratrici ta' binha minuri Karl Cachia, u kif ukoll bhala kuratrici ta' uliedha l-ohra Paul u Maddeline. Izda minkejja li l-kliem "*f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' binha minuri Karl*" gew imhassra b'korrezzjoni awtorizzata

fil-11 ta' Novembru 2015, Rita Cachia xorta baqghet iccitata bhala intimata.

Ghaldaqstant, tilqa' l-ewwel eccezzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

Illi d-divergenza fil-kaz in ezami hija limitata ghat-terminu minn meta jibda jiddekorri l-imghax dovut fuq is-sehem riservat lir-rikorrenti billi kemm il-konsistenza tal-assi ereditarju kif ukoll il-valur tas-sehem riservat huma pacifici bejn il-kontendenti[1]. Illi r-rikorrenti jikkontendu li dan l-imghax huwa dovut mid-data tal-ftuh tas-successjoni, hekk kif stipulat fl-**artikolu 615(2)** tal-Kodici Civili. Illi gie sostnut mir-rikorrenti, li r-rinunzja ghall-wirt giet ipprezentata entro-t-terminu stabbilit fis-subartikolu sucitat, u ghalhekk, ghandu japplika awtomatikament dak provdut f'dan l-artikolu tal-ligi. Min-naha l-ohra, l-intimati rribbattew, li hemm ic-cirkostanzi mehtiega **fl-artikolu 615(2)** tal-Kodici Civili sabiex ma jinghatax l-imghax ghall-perjodu bejn il-mewt tad-decujus u d-data meta r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-eredita`.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

Fl-ewwel lok, jigi ritenut li minhabba l-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta' l-Att XVIII ta' 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima, li issa tissejjah porzjon rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon rizervata fil-

[1] Ara verbal kongunt tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2016.

konfront tal-eredita'. B'hekk, tnehha l-kuncett tas-sehem tal-beni tal-mejjet.

Skont l-**artikolu 615 tal-Kap 16**, kif emendat bl-Att XV tal-2012 datat 24 ta' Lulju 2012 jiddisponi hekk:

1) *Is-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u jsiru mill-mara jew ir-ragel li jibqa' haj.*

*2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet, imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn.*

*Izda, l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun anqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

Illi ghalhekk imghax bir-rata legali jiddekorri fuq il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni, jekk il-porzjon rizervata hu mitlub fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni, jew mid-data tan-notifika ta' ittra ufficjali jekk it-talba issir wara l-imsemmija sentejn. Skont id-disposizzjoni transitorja fl-Att XVIII, dawn l-emendi japplikaw ghal successjonijiet li jsehhu wara li l-provvedimenti relattivi jidhlu fis-sehh (l-

ewwel ta' Marzu tas-sena 2005[2]). Ghalhekk japplikaw ghal kaz in disamina billi t-testatrici mietet fis-17 ta' April 2011.

Ikkonsidrat li jinsab pacifikament affermat illi fuq il-beni li jikkomponu l-legittima tieghu l-legittimarju ghandu dritt ghall-frutti minn dakinhar ta' l-apertura tas-successjoni. ("***Caruana v Zammit** " (***Vol. XXVI P II p1) (**Ara wkoll **Vol. XXXIV P II p 568**).

Illi bhala principju ghalhekk il-karattru ta' imghaxijiet huwa bhala accessorju ghal-legittima. Ghalkemm l-artikolu fuq citat jirreferi ghall-**artikolu 1139 tal-Kap 16**, din ir-riferenza hija biss ghar-rata ta' imghax stabbilita b'dak l-artikolu. Madanakollu l-proviso jaghti diskrezzjoni lil din il-qorti li tirriduci r-rata applikabbli jew sahansitra li ma jinghatawx imghaxijiet skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi skont din id-dispozizzjoni tal-ligi sabiex l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-ftuh tas-successjoni, it-talba ghas-sehem riservat ghandha ssir fi zmien sentejn minn dik id-data. Jekk dan ma jsirx, u jkun hemm aktar dewmien, il-ligi tipprovdi mod iehor, ghaliex mhux desiderabbli li l-legittimarji itawlu l-proceduri inutilment u mbaghad jintalab imghax ghall-perjodu taz-zmien itwal li jkun iddekorra.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li r-rikorrenti, wara trattattivi, u diskussjonijiet mal-intimati eredi universali, ma wasslux ghal ftehim, u ipprocedew billi pprezentaw rinunzja tal-wirt

[2] L.N. 48 of 2005

b'dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, degretata fil-15 ta' Marzu 2013 debitament insinwata (fol 23 u 24) fit-8 ta' April 2013, u dan sar konformament ma' **l-artikolu 860 (2) tal-Kodici Civili.** (fol 47-48). **Ghaldaqstant jirrizulta li r-rinunzja ghall-wirt saret fit-terminu ta' sentejn mid-data tal-mewt ta' Teresa Cachia (17 ta' April 2011) kif previst mill-artikolu 615(2) tal-Kap.16**

Jirrizulta mill-provi li anke qabel ir-rinunzja formali giet prezentata ittra ufficjali kontra l-werrieta fis-16 ta' April 2012. Ma gietx esebita kopja legali ta' din l-ittra [3]izda jirrizulta mix-xhieda ta' Joan Cachia (affidavit a fol 28) li bdew in-negozjati dwar il-wirt wara l-mewt ta' ommhom u *waqt dawn in-negozjati jiena u huti l-werrieta ircevejna ittra ufficjali minghand it-tliet hutna Pauline, Joyce u Maryanne li fija talbu l-legittima."* Tghid li meta l-avukat taghha ivverifika jekk irrinunzjawx fir-Registru tal-Qorti Volontarja, irrizulta li ma kienux ghadhom irrinunzjaw. Anke wara l-prezentata tan-noti ta' rinunzja baqghu ghaddejjin it-trattattivi ghal transazzjoni. Hi esebiet korrispondenza ghall-perjodu li jestendi mill-5/7/2012 sal-15/1/2014 (fol 64 sa 68).

Ikkonsidrat li l-ligi ma tippreskrivix xi formalita' partikolari rigward kif ghandha ssir it-talba ghall-hlas tas-sehem riservat ghall-fini tal-**artikolu 615 (2) tal-Kap.16.** Jirrizulta li r-rikorrenti talbu dan is-sehem mill-eredi bl-ittra ufficjali surriferita u b'korrispondenza legali (*vide* ittra tad-19 ta' Ottubru 2012 a fol 53 tal-process). Dan gie konsolidat bir-

[3] Giet esebita kopja informali mhux iffirmata a fol 51 u 52

rinunzja formali li wkoll saret *entro* t-terminu ta' sentejn. Ghalhekk m'ghandhomx ragun l-intimati li jsostnu li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tar-rinunzja.

Illi huwa minnu li jirrizulta, li kien ghad hemm korrispondenza ghaddejja, bejn l-avukati defensuri tal-partijiet dwar it-trattativi li jikkoncernaw il-wirt qabel u wara l-prezentata tan-noti tar-rinunzja. Dan mhuwiex ikkontestat *stante* li l-partijiet li xehdu permezz tal-affidavit taghhom, iddikjaraw dan bil-gurament u jirrizulta ampjament mid-dokumenti u mill-korrispondenza esebita mill-partijiet. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li kienu baqghu ghaddejjin trattativi ma jledix id-dritt tar-rikorrenti billi kien car li kienu qed jitolbu s-sehem riservat, kif ghamlu *entro* t-terminu ta' sentejn tant li kienu anke tlestew stimi tal-assi ereditarju sabiex jigi kkalkolat is-sehem riservat.

Illi r-rikorrenti ghandhom jitqiesu li ottemporaw ruhhom ma' l-artikolu **615(2)** tal-Kap16. Ghaldaqstant, minkejja li l-kaz odjern gie ntavolat fil-11 ta' Novembru 2015, din il-Qorti ma ssibx li kien hemm dewmien bla bzonn da parti tar-rikorrenti. Difatti regghu ntbaghtu c-cekkijiet, u cjoe` l-hlasijiet dwar is-sehem riservat lir-rikorrenti.

**Ghaldaqstant, l-imghax fir-rigward tar-rikorrenti ghandu jithallas b'sehh mill-ftuh tas-successjoni peress li Teresa Cachia mietet fis-17 ta' April 2011 u r-rinunzja ghall-wirt da parti tar-rikorrenti saret fir-Registru tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fil-15 ta' Marzu 2013 u insinwata fit-8 ta' April 2013.**

Gie sottolineat ukoll, fit-trattazzjoni tal-kaz mill-abbli avukat difensur tal-intimati, li din il-Qorti ghandha s-setgha tistabbilixxi rata ta' imghax ta' anqas minn tmienja fil-mija, jekk ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, skont dak provvdut fl-**artikolu 615(2) tal-Kap 16.** Illi ghalkemm il-ligi hekk tipprovdi fis-subartikolu li zdied permezz tal-emendi sucitati, li dahlu fis-sehh fil-Kodici Civili, permezz tal-Att XV tal-2012, fl-24 ta' Lulju 2012, din il-Qorti mhix ser tordna dan it-tnaqqis fir-rata tal-imghax, ghax ma tarax li kien hemm dewmien esagerat u bla bzonn da parti tar-rikorrenti, fuq medda ta' snin. Anzi l-kontenzjoni bejn il-partijiet ittawlet proprju minhabba l-insistenza da parti tal-intimati li jhallsu l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-ftuh tas-successjoni u din il-kontestazzjoni hija l-*casus belli* f'dawn il-proceduri.

Illi gie dikjarat li l-partijiet qablu dwar il-konsistenza tal-assi u fuq il-*quantum* tas-sehem riservat (fol 15). Jigi osservat li l-avukati tal-partijiet kellhom jipprezentaw nota fejn fiha jindikaw il-valur tal-assi ereditarji u l-hlasijiet li saru dwar is-sehem riservat (fol 70). Izda, din in-nota ma gietx ipprezentata. Madankollu, l-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti u l-korrispondenza esebita, u fid-dawl tad-dikjarazzjoni li hemm qbil dwar il-konsistenza tal-assi u tas-sehem riservat, tiddikjara li dak pretiz fir-rikors guramentat huwa mahdum fuq il-figuri li johorgu mill-istess dokumenti u korrispondenza, li l-partijiet jaqblu dwarhom. Jirrisulta mit-trattazzjoni li l-hlasijiet akkont gew akkreditati ghall-imghaxijiet.

Ghaldaqstant, tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat *stante* li l-bilanc mitlub qed jigi kkontestat a bazi ta' minn meta jiddekorri l-imghax u b'liema rata ghandu jinhadem. Tichad ukoll, it-tielet eccezzjoni fil-mertu, billi ma giex ippruvat li jezistu c-cirkostanzi mehtiega ghall-applikazzjoni tal-artikolu **615(2) tal-Kap 16.**

Ghalhekk, *in vista* tas-suespost, tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom jinghataw l-imghax b'sehh mill-ftuh tas-successjoni bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%).

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-Rita Cachia mill-osservanza tal-gudizzju ,tichad l-eccezzjonijiet rimanenti kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej: -

1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-imghax fuq is-sehem riservat dovut lir-rikorrenti mill-assi ereditarju ta' ommhom Teresa Cachia beda jiddekorri mid-data tal-ftuh tas-successjoni taghha, fis-17 ta' April 2011.

2) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lil kull wahda mir-rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€13,920.20) bhala bilanc tas-sehem riservat u l-imghax dovut lilhom kif hekk ordnat.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom ghajr ghal dawk ta' Rita Cachia li jigu sopportati mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2016**